



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Novembru 2022
(OR. en)

13661/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0318(BUD)

FIN 1092

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni
Ewropea għas-sena finanzjarja 2022**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹, b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2022 ġie adottat definittivament fl-24 ta' Novembru 2021²;
- fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2022,

¹ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

² ĠU L 45, 24.2.2022, p. 1.

- jeħtieġ li l-Kunsill jipproċedi mingħajr dewmien bl-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit ġenerali għall-2022, bil-ħsieb li jsiru disponibbli b'mod urġenti biżżejjed approprjazzjonijiet, fost l-oħrajn, (a) biex jissaħħu l-miżuri ta' emerġenza taħt il-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku; (b) biex jiġi antiċipat u jissaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili biex ikompli jidderieġi l-assistenza in natura lill-Ukrajna u jikri ħelikopters u ajruplani ħfief oħra biex tizzied it-tħejjija tal-Unjoni għat-tifi tan-nar mill-ajru; u (c) biex jissaħħu n-nefqa amministrattiva u l-pensjonijiet fl-intestatura 7 bħala riżultat ta' inflazzjoni għolja u prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew b'rata mgħaġġla. Għaldaqstant, hu ġustifikat li tiġi prevista eċċezzjoni mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 hija b'dan adottata.

It-test sħiħ huwa disponibbli għall-konsultazzjoni jew biex jitniżżel mis-sit web tal-Kunsill:
<https://www.consilium.europa.eu/>.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kunsill
Il-President*